# IL-PJAN TAL-LEZZJONI  3.4

**Kap 3: Ġesu Fostna**

**Lezzjoni 3.4: Aħna għexna l-ewwel Milied**

**L-Għanijiet:**



It-tfal:

1. jisimgħu l-istorja tal-Milied skont San Luqa;
2. jirriflettu kif ġabu ruħhom xi personaġġi tal-ġrajja;
3. jiddiskutu l-paċi li jġib Ġesù.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Il-*Powerpoint* : Il-Milied : Ġrajja Minn Betlem
- Il-*Powerpoint* : Rakkonti minn Betlem
- Il-Karta ta' Taħriġ 3.4 (mill-Ktieb)
- Il-Kanzunetta: L-ewwel Milied –Fr Karm Debattista

  https://www.youtube.com/watch?v=J2Q2644_anI



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**



- Staqsi: F'liema post twieled Ġesù?

- Irrevedi din l-istorja għal darba oħra. Jekk jista' jkun ħalli lit-tfal jirrakkontaw din l-istorja biex jgħidu mill-perspettiva tagħhom.

**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**



1. Uri l-*powerpoint* Ġrajja minn Betlem.

2. Wara oħloq diskussjoni waqt li tirrevedi mat-tfal min huma l-persunaġġi li jissemmew fil-ġrajja.

3. Jintwera l-*powerpoint* Rakkonti minn Betlem. Dan jista' jinqara mit-tfal stess.

4. Stieden lit-tfal jitgħallmu l-kanzunetta *L-Ewwel Milied.*

5. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 3.4 u spjega s-silta mogħtija.

6. Iddiskuti mat-tfal Attività 1 billi wara tgħinhom jimlew il-persunaġġ fil-vojt.

7. Iddiskuti Attività 2 u flimkien jaħdmu u jgħaqqdu s-sentenzi
   - Marija - L-anġlu ħabbar il-Bxara t-tajba - Tiddejjaqx titkellem u tgħid li tħobb lil Ġesu
     - *Il-maġi - Ġesù jħobb u jaċċetta lil kulħadd- Aħna ma konniex nemmnu f'Ġesù imma fittixnieh u sibnieh..*

8. Iddiskuti Attività 3 u oħroġ il-punt ta' kemm hu sew li nkunu bil-għaqal biex inkunu ma' Ġesù.

9. Agħlaq b'song popolari tal-Milied li tagħżel int.

## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Ġesù għażel li jitwieled fil-faqar.
2. L-anġli taw l-aħbar lir-ragħajja li twieled Ġesù.
3. Jeħtieġ inkunu umli bħar-ragħajja biex Ġesù jitwieled fina.
4. Il-paċi tiġi meta nħobbu lil xulxin tassew.



## Nagħżlu flimkien (L-Attitudni)

It-tfal juru l-imħabba tagħhom lejn min hu fil-bżonn.
Juru li qegħdin jaħdmu biex ikunu umli bħal Ġesù.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Kant : L-Ewwel Milied

https://www.youtube.com/watch?v=J2Q2644_anI



## Nitolbu

Mulej, għallimni nkun persuna umli bħar-rgħajja u tħallini qatt niddejjen niċċeken biex ngħin lil ħaddieħor.

